MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 60/2011

A B

vs

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta :

1. Illi l-attur u l-konvenuta C B izzewgu fit-22 ta' Awissu 2005, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A';

2. Illi l-kunsens ta' l-attur ghaz-zwieg imsemmi inkiseb b'qerq dwar kwalita tal-konvenuta li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
3. Illi l-kunsens tal-konvenuta ghaz-zwieg imsemmi kien vizjat b'difett serju ta diskrezzjoni ta gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittjiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu li, kif ukoll kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibbli ghall-istess konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;
4. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;
5. Illi ghalhekk z-zwieg bejn l-partijiet kien null u invalidu fil-ligi;
6. Illi l-esponenti jaf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati;
Talab ghar-ragunijiet hawn premessi li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti iccelebrat fit-22 ta' Awissu 2005 liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod generali, u b'mod specifiku a tenur tal-provvedimenti tal-paragrafi (a), (b), (c), (d) u (f) ta' l-istess Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta'Malta, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv;
Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha;
Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata ma ipprezentatx risposta;

Semghet lill-partijiet jixhdu;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mix-xhieda ta’ l-attur illi iltaqa mal-konvenuta f’Dicembru 1999. Sar jafha peress illi l-konvenuta kienet dahlet fil-hanut tieghu Black Gold tfittex ix-xoghol. Il-konvenuta hija ta’ nazzjonalita Rumena. L-attur xehed illi kien baqa f’kuntatt mal-konvenuta li kienet taghtu in-numru tal-mobile taghha, kienu bdew jiltaqghu u hi kienet il-hin kollu iccempillu peress li kienet thossha wahedha u kellha bzonn il-kumpanija tieghu. L-attur xehed illi lanqas hu ma kien jiddejjaq bil-kumpanija tal-konvenuta u wara ftit xhur il-konvenuta kienet marret toqghod mieghu. Wara ftit xhur u cioe’ Gunju tas-sena 2000, il-konvenuta kienet harget tqila u l-attur kien inhasad b’dan peress li it-tqala ma kienitx ippjanata. Sitt xhur wara u cioe’ f’Dicembru tas-sena 2000, il-konvenuta kienet korriet meta kellha xi sitt xhur tqala u ghalhekk kemm hu kif ukoll il-konvenuta kienu ghaddew minn perjodu trawmatiku ferm. L-attur kompla jixhed illi tlett xhur wara il-konvenuta regghet harget tqila u kellha tarbija li twieldet fl-4 ta’ Dicembru 2001 u sa dak iz-zmien huma kienu baqghu jghixu flimkien, izda qatt ma semmew zwieg. Il-konvenuta bdiet tghix hajja ta’ omm u kienet iddedikata il-hin kollu ghat-tarbija. L-attur kompla jixhed illi hu u il-konvenuta baqghu jghixu flimkien ghal madwar tlett snin u il-konvenuta kienet mohhha biss biex tiehu hsieb lit-tifla. Lejn l-ahhar tas-sena 2003 il-konvenuta regghet harget tqila u kellha tifel fit-28 ta’ Awissu 2004. L-attur xehed illi minn meta twieled it-tifel ir-relazzjoni bejnu u bejn il-konvenuta bdiet sejra lura. Bdew jiggieldu kontinwament anke fuq affarijiet zghar. Il-konvenuta kienet ghamlet pressure kbira fuq l-attur sabiex jizzewwigha u hi kien ceda u accetta illi jizzewwigha. L-attur xehed illi z-zwieg kien ta’ malajr, ma saru l-ebda preparamenti, ma inxtrat l-ebda libsa tat-tieg u lanqas crieket u lanqas ma kien hemm tieg. L-attur xehed illi lanqas biss kellhom hajja mizzewga ghaliex wara z-zwieg baqghu ghaddejjin bil-glied illi anke kien zdied fil-frekwenza. Fis-sena 2008, il-konvenuta kienet telqet mid-dar u halliet it-tfal warajha jghixu mal-attur. Il-konvenuta kienet qaltlu u li kienet ser titlaq u hu kien accetta u kienu qablu wkoll illi t-tfal jibqghu jghixu mal-attur. F’Dicembru

2008 gie iffirmat kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet.

Ikkunsidrat :

Illi meta xehed fil-Qorti, l-attur qal illi kien izzewweg mhux ghaliex ried, imma sabiex jaghmel l-affarijiet sew u dana peress illi l-konvenuta kienet Rumena, dak iz-zmien ir-Rumanija ma kienitx parti mill-Unjoni Ewropeja u kienu iddecidew illi jizzewgu sabiex il-konvenuta ikollha qaghda legali f'Malta. L-attur spjega wkoll illi l-konvenuta kien ikollha dejjem tapplika ghall-visa biex tibqa Malta, din il-visa kienet tiskadi kull tlett xhur u kull darba li kienet tapplika sabiex tiggeddilha il-visa, il-visa ma kienitx tohrog mal-ewwel u ghalhekk kellha il-biza illi titkecca minn Malta u kien ghalhekk illi izzewgu.

Ikkunsidrat :

Illi xehdet ukoll il-konvenuta illi spjegat illi meta iltaqghet mal-konvenut peress illi bdiet tahdem fil-bar tieghu u kienet ukoll qeghda tistudja l-universita. Hija ikkolloborat ix-xiehda ta' l-attur fir-rigward tal-korriment illi kellha u illi kellhom zewgt itfal minghajr ma kienu ghadhom izzewgu. Il-konvenuta xehdet illi hija kien mohhha biss biex tiehu hsieb it-tfal, l-attur ukoll, izda ir-relazzjoni ta' bejniethom qatt ma kienet irnexxiet u kienu jiggieldu ghal ta' xejn b'xejn kuljum. Hija xehdet illi qatt ma kellha hajja normali ta' mara mizzewga mal-attur u li kienet izzewget biss bhala formalita.

Ikkunsidrat :

Illi l-attur ippremetta illi l-kunsens tieghu ghaz-zwieg inkiseb b'qerq dwar il-kwalita tal-konvenuta li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga.

Il-Qorti rat illi din il-kawza tinkwadra ruhha fl-Artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255 li jghid hekk :

"jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta

tagħha tfixkel serjament il-ħajja mizzewġa ghalhekk iz-zwieg ikun null."

Il-Qorti rat in ezami tal-provi prodotti  illi l-konvenuta ma zammet l-ebda kwalitajiet  dwarha mistura mill-attur qabel iz-zwieg u ghalhekk tara li din il-kawzali ma gietx ippruvata.

Illi fit-tieni lok, l-attur jghid illi l-kunsens tal-konvenuta ghaz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, li ghamlitha impossibli ghaliha li taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Li din il-kawzali tinkwarda ruhha fl-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta u precizament l-ewwel parti ta' l-Artikolu 19 (1) (d) u mhux it-tieni parti ta' l-istess Artikolu, illi isemmi anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia deciza fl-10 ta' Settembru 1997 inghad hekk :

"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrizzjoni ta' gudizzju li biex ikun hemm dan in-nuqqas serju jrid ikun hemm inkapacita' psikika jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali"

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi il-konvenuta effettivament meta tat il-kunsens taghha ghaz-zwieg ma kellhiex dik il-fakulta kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg.  Irrizulta illi, minkejja il-fatt illi  hija ma kienitx persuna immatura meta tat il-kunsens taghha ghaz-zwieg, ma kienitx konsapevoli tal-obbligi illi kienet diehla ghalihom.

Illi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg huma l-obbligazzjoni fir-rigward tal-att taz-zwieg bhala bazi ta' prokreazzjoni ghall-ulied, l-obbligazzjoni ta' komunita tal-hajja u imhabba bhala espressjoni tal-ghaqda bejn mara u ragel, il-'mutual well-being' tal-koppja u l-obbligazzjoni illi jircievu u irrabbu l-ulied fil-kuntest tal-ghaqda taz-zwieg.

Illi inerenti f'dawn l-obbligi hemm ukoll l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom inifishom lil xulxin fit-totalita taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom il-komunita tal-hajja u imhabba.

Ikkunsidrat :

Illi kif xehdet l-istess konvenuta, hija ma izzewgitx bl-intenzjoni illi tassumi u taqdi dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, izda semplicement bhala formalita sabiex ma jkollhiex problemi biex tibqa Malta u sabiex tkun tista taghti formalita ghal dak illi kien hemm bejha u bejn l-attur, illi bazikament kien il-fatt illi kellhom zewg ulied.

Illi tant il-partijiet ma kienux lesti illi jassumu u jaqdu dawn l-obbligi essenzjali taz-zwieg, talli qatt ma ghixu hajja ta' mizzewgin u wara ftit zmien bdew jghixu separatament minn xulxin sa kemm fi ftit zmien isseparaw.

Illi una volta li giet ippruvata din il-kawzali, il-Qorti ma thossx il-htiega illi tezamina il-kawzali l-ohrajn imsemmija fir-rikors guramentat.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq isemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa t-talba attrici u tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-kontendenti kien null u invalidu ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.  Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------